**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz ASF 114/2021**

**AH**

**ghal**

**ER (C XXXXX)**

**(l-ilmentatur)**

**vs**

**Satabank p.l.c. (C 66993)**

**(il-Bank)**

**Seduta tal-25 t'April 2022**

**L-Arbitru**

**Ra l-ilment**[1] fejn l-ilmentatur issottometta li l-kumpanija tieghu kellha kontijiet bankarji ma' Satabank p.l.c. u ma kien hemm l-ebda problema dwar l-uzu tal-kontijiet sakemm il-Bank kien qed jopera.

Il-kumpanija tieghu ippruvat kemm-il darba tikkomunika mal-istess Bank u mal-amministraturi li gew imqabbda mir-regolatur, izda sad-data tal-ilment, il-kumpanija tieghu ma inghatatx flusha lura. Dawn il-flus kienu u ghadhom maghrufa mal-'MGA' bhala '*players fund*'. Fil-bidu tas-sena 2021, il-kumpanija infurmat lill-istess MGA li ser tieqaf topera u bdiet process biex iccedi l-licenzja lill-MGA. Dan il-process jinkludi wkoll id-disponibilità tal-*players funds* kollha biex jithallsu l-*players.*

Illi fl-ahhar ta' Mejju 2021, sar attentat iehor ta' komunikazzjoni mal-amministratur li gie mahtur mill-MFSA, izda l-unika risposta li rcieva kienet wahda awtomatika b'*email.*

[1] Pagna (P.) 4

L-ilmentatur issottometta wkoll li kemm il-Bank kif ukoll l-MFSA bhala regolatur u l-amministraturi mqabbda minnha, mhu qed jaghmlu xejn ghall-protezzjoni tal-klijenti legittimi u flushom. Il-kumpanija tieghu ilha tistenna sentejn minghajr hjiel ta' meta tista' tiehu flusha lura u liema flus huma tal-*players* tal-kumpanija kif marbuta bir-regoli tal-MGA. Ghalhekk, l-ilmentatur talab li l-kumpanija tiehu flusha lura sabiex tkun tista' taghlaq l-obbligazzjonijiet li ghandha mal-MGA.

**Ra r-riposta** tal-Kontrollur tas-Satabank p.l.c., kif mahtur legalment, fejn issottometta:

Illi l-Kontrollur hu marbut skont il-provedimenti tal-Kap. 383 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprocedi ghal-likwidazzjoni u rilaxx ta' depoziti wara li jintemm il-process kollu imsemmi fl-istess ligi. F'kull likwidazzjoni l-kredituri jithallsu wara li jsiru l-accertamenti kollha u skont skema ta' distribuzzjoni, u mhux qabel. Dan il-process ghad mhux komplut. Hadd ma jista' jaqbez il-kju. Il-likwidazzjonijiet jimxu fuq il-principju *par condicio creditorum.*

Inoltre, skont l-istess Kap. 393, l-ilmenti kontra t-tmexxija tal-Kontrollur huma ta' kompetenza esklussiva tal-Bord tal-Appelli mahluq ghall-fini ta' dik il-ligi, u l-Ufficcju tal-Arbitru ghalhekk mhux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment.

Ghalhekk l-ilment mhux ta' kompetenza tal-Ufficcju tal-Arbitru u, f'kwalunkwe kaz, hu intempestiv.

L-esponenti jammetti li l-kwerelant ghandu bilanc ma' Satabank p.l.c.

Ir-rilaxx ta' bilanci kien regolat mill-MFSA, u min ried jiehu flusu lura kellu aktar minn 18-il xahar biex jaghmel il-proceduri biex dan isehh. Min naqas li jsegwi dawn id-direttivi issa jrid jistenna li l-proceduri tal-likwidazzjoni jsiru kif trid il-ligi. L-informazzjoni li ghandu l-esponent minghand Ernst & Young, il-Persuna Kompetenti ta' qablu, hi li l-kwerelanti ma baghtitx id-dokumenti mehtiega. L-esponent irid joqghod fuq dan it-taghrif billi hu ma kienx fil-hatra fiz-zmien relevanti.

Satabank segwiet id-direttivi ta' awtorità kompetenti u, ghalhekk, ma tistax tkun soggetta ghal ilmenti bhal dawn.

L-esponent jirriserva li jressaq rapprezentanti ta' Ernst & Young sabiex jaghtu aktar taghrif dwar l-akkadut.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

Il-Kontrollur tas-Satabank p.l.c. qajjem l-eccezzjoni li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex l-ilmenti kontra Kontrollur huma kompetenza esklussiva tal-Bord tal-Appelli mahluq apposta b'dik il-ligi.

L-Arbitru ra sew il-Kap. 383 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa l-*Att dwar Kumpaniji Kontrollati (procedura ta' stralc)* li sar biex '*jipprovdi ghall-istralc u distribuzzjoni ta' attiv li jappartjeni lill-entitajiet kontrollati*'.

F'dan l-istadju, fejn il-Bank jinsab taht l-amministrazzjoni u l-kontroll tal-Kontrollur, l-Arbitru jrid iqis il-Kap. 383 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa l-ligi li ghandha tapplika f'dan il-kaz.

Il-Kap. 383 jipprovdi xi procedura ghandu jaddotta l-Kontrollur, fosthom, li

'*meta l-awtorità kompetenti wara konsultazzjoni mal-Bank Centrali ta' Malta jaghmel ordni ghall-istralc ta' attiv kontrollat, il-Kontrullur ghandu jghaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta fejn isejjah lil kull kreditur li jista' jkollu xi pretensjoni kontra jew fuq l-attiv kontrollat sabiex iressaq quddiemu dik il-pretensjoni fi zmien tliet xhur mid-data ta' dak l-avviz u jippubblika lista ta' kredituri li jkunu minnu rikonoxxuti bhala li ghandhom pretensjoni valida kontra l-attiv kontrollat, kif ukoll l-ammont dovut mill-attiv kontrollat ghal dik il-pretensjoni'.*

Wara l-pubblikazzjonijiet mehtiega li jrid jaghmel il-Kontrollur, anke sabiex jigu mharsa l-kredituri li jista' jkollhom xi pretensjoni fuq l-assi, (f'dan il-kaz, tal-Bank), li jkunu qed jigu kkontrollati minnu, il-Kontrollur huwa obbligat li:

'*jghaddi biex jiddeciedi dwar il-pretensjonijiet u oggezzjonijiet li jsirulu, biex jaghlaq u jaghmel stralc ta' kull attiv kontrollat, li jahtar awditur indipendenti sabiex jaghmel il-verifika tal-kontijiet tieghu, u sabiex jifformula skema ta' distribuzzjoni u jaghmel rapport dwarha lill-Ministru.'*[2]

---

[2] Kap. 383, Art. 5

Wara li l-Kontrollur ilesti r-rapport tieghu, il-ligi tistabbilixxi l-procedura li biha jista' jsir appell dwar ir-rapport tal-Kontrollur fejn Artiklu 6 tal-Kap. 383 jipprovdi illi:

*'Kull min ihoss ruhu aggravat bir-rapport u bl-iskema ta' distribuzzjoni maghmula mill-Kontrullur ikollu dritt ta' appell quddiem il-Bord tal-Appelli mwaqqaf b'dan l-Att bil-mezz ta' rikors li jsir fi zmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-estratt tar-rapport imsemmi fl-artikolu 5'.*

Minn dan kollu jirrizulta li l-procedura ta' stralc fil-kaz ta' bank hija regolata mill-Kap. 383 tal-Ligijiet ta' Malta li jistabbilixxi kif ghandu jsir l-istralc u kif jitqassmu l-assi lil min ikun intitolat ghalihom, u dan il-process huwa wiehed trasparenti u li jrid isegwi l-istadji li tistabbilixxi l-istess ligi.

Huwa car li jekk xi hadd irid jappella mid-decizjoni tal-Kontrollur, u dejjem skont il-procedura preciza stabbilita fil-Kap. 383, ghandu jappella quddiem il-Bord tal-Appelli mahtur apposta u fiz-zmien imsemmi fl-istess Att.

Fil-kaz li ghandu quddiemu l-Arbitru, il-Kontrollur issottometta li hu qieghed jimxi mal-Kap. 383, u qieghed fl-istadju li jhejji r-rapport imsemmi fl-istess Att.

**Decizjoni**

**Galadarba l-Kap. 383 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi procedura specifika u specjali ta' kif ghandu jsir appell mill-hidma tal-Kontrollur, l-Arbitru m'ghandux kompetenza jiddeciedi dan il-kaz.**

**Minhabba n-natura specjali tal-kaz, kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' din il-procedura.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**